DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2018/716

tal-14 ta' Mejju 2018

li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2013/34/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 28, l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Jannar 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/34/PESK ([1]) dwar missjoni militari tal-UE biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali).

(2) Fit-18 ta' Frar 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/87/PESK ([2]) dwar il-bidu tal-EUTM Mali.

(3) Fit-23 ta' Marzu 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/446 ([3]) li tadatta u testendi l-mandat tal-EUTM Mali u li tipprovdilha ammont ta' referenza sat-18 ta' Mejju 2018.

(4) Wara r-Rieżami Strateġiku tal-Missjoni, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà rrakkomanda li l-mandat tal-EUTM Mali jiġi emendat u estiż sat-18 ta' Mejju 2020.

(5) Hu neċessarju wkoll li jiġi stabbilit l-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri marbutin-nefqa relatata mal-EUTM Mali għall-perijodu mid-19 ta' Mejju 2018 sat-18 ta' Mejju 2020.

(6) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/34/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2013/34/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, tinżied is-sentenza li ġejja:

"Minbarra dan, EUTM Mali għandu jappoġġa l-operattività tal-Forza Konġunta tal-G5 tas-Saħel fil-Kwartieri Ġenerali tagħhom.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-objettiv tal-EUTM Mali għandu jkun ir-rispons għall-ħtiġijiet operattivi tal-FAM u tal-Forza Konġunta tal-G5 tas-Saħel billi jingħata:

(a) appoġġ ta' taħriġ u konsulenza għall-benefiċċju tal-FAM, inkluż permezz ta' attivitajiet deċentralizzati fir-reġjuni, kif ukoll appoġġ għall-edukazzjoni dwar id-Dritt Umanitarju Internazzjonali, il-protezzjoni taċ-ċivili u d-drittijiet tal-bniedem;

(b) kontribut, fuq talba tal-Mali u f'koordinazzjoni ma' MINUSMA, lill-proċess ta' Diżarm, Demobilizzazzjoni u Reintegrazzjoni fil-qafas tal-Ftehim ta' Paċi, permezz tal-għoti ta' sessjonijiet ta' taħriġ sabiex tiġi ffaċilitata r-rikostituzzjoni ta' Forzi Armati tal-Mali inklużivi;

(c) appoġġ għall-proċess tal-G5 tas-Saħel permezz ta' appoġġ ta' konsulenza u taħriġ apposta għall-operattività tal-Forza Konġunta tal-G5 tas-Saħel.";

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/34/PESK tas-17 ta' Jannar 2013 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali) (ĠU L 14, 18.1.2013, p. 19).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/87/PESK tat-18 ta' Frar 2013 dwar il-bidu ta' missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali) (ĠU L 46, 19.2.2013, p. 27).

([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/446 tat-23 ta' Marzu 2016 li temenda u testendi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/34/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) (ĠU L 78, 24.3.2016, p. 74).

(2) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-ispejjeż komuni tal-EUTM Mali għall-perijodu mid-19 ta' Mejju 2018 sat-18 ta' Mejju 2020 għandu jkun ta' EUR 59 743 047,00. Il-perċentwal tal-ammont ta' referenza msemmi fl-Artikolu 25(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/528 (*) għandu jkun ta' 0 %, u l-perċentwal għall-impenn imsemmi fl-Artikolu 34(3) ta' dik id-Deċiżjoni għandu jkun ta' 30 %.

(*) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/528 tas-27 ta' Marzu 2015 li tistabbilixxi mekkaniżmu sabiex jiġi amministrat il-finanzjament tal-ispejjeż komuni tal-operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża (Athena) u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/871/PESK (ĠU L 84, 28.3.2015, p. 39).";

(3) fl-Artikolu 12, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-mandat tal-EUTM Mali għandu jintemm fit-18 ta' Mejju 2020.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Mejju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

E. ZAHARIEVA